**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 8**

**It-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.08 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa nru 7 tas-7 ta' Settembru 2023 kienu approvati.

**DOKUMENTI**

Għal fini ta' rekords l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi huwa kien għadda lill-Membri:

Dok. 11 Rapport dwar investigazzjoni bir-referenza K/049 datat 15 ta' Settembru 2023 mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar allegazzjoni ta' kunflitt ta' interess u taħlit ta' rwoli da parti tas-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said in konnessjoni ma' attività organizzata minnha

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/027) – KONTINWAZZJONI**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/027 mil-laqgħa tas-7 ta' Settembru 2023. L-Ispeaker innota li wara li huwa ċċirkola t-traskrizzjoni tal-laqgħa ta' qabel fejn il-Kumitat sema' l-ispjega tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u għamel il-mistoqsijiet tiegħu dwar ir-rapport inkwistjoni, il-pass li jmiss kien li l-Kumitat jiddeċiedi dwar l-addozzjoni tal-każ inkwistjoni.

Il-Membri tal-Oppożizzjoni rrimarkaw illi kienu tal-opinjoni illi fid-dawl ta' ċerti risposti li ngħataw mill-Kummissarju, kien hemm aspetti fir-rigward tal-investigazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-ewwel żewġ allegazzjonijiet, li ma ġewx investigati daqskemm wieħed jistenna, u li għalhekk kien ikun għaqli li l-Kumitat jassumi t-tkomplija tal-investigazzjoni u jivvota biex titkompla l-investigazzjoni minnu ai termini tal-Artikolu 27(4) tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

L-Onor. Jonathan Attard qal illi fl-opinjoni tiegħu l-investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika kienet eżawrjenti u li l-Kumitat ma kellux imur oltre minn hekk, filwaqt li l-Onor. Andy Ellul żied illi qabel ma l-Kumitat jiddeċiedi dwar l-addozzjoni tar-rapport, ikun opportun illi l-Onor. Michael Farrugia jidher quddiem il-Kumitat sabiex jikkjarifika dak li qal meta kien mistoqsi mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

L-Ispeaker irrileva illi l-Onor. Michael Farrugia jkollu l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu f'każ li r-rapport ikun addottat mill-Kumitat, qabel ma l-istess Kumitat jgħaddi biex jiddeċiedi dwar is-sanzjoni applikabbli, u dan ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Peress illi kien hemm talba mill-Membri tal-Oppożizzjoni sabiex titkompla l-investigazzjoni mill-Kumitat, l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija. Iż-żewġ Membri tal-Oppożizzjoni vvutaw favur, filwaqt li ż-żewġ Membri tal-Gvern ivvutaw kontra. Peress li l-voti kienu ndaqs, l-Ispeaker fit-3.25 p.m. l-Ispeaker issospenda l-Kumitat sabiex jagħti d-deċiżjoni tiegħu.

Fit-3.44 p.m. il-Kumitat irriżuma u qara l-motivazzjoni tal-vot deċiżiv tiegħu kontra illi titkompla l-investigazzjoni mill-Kumitat dwar il-Każ K/027.

L-Onor. Andy Ellul tenna t-talba li f'dak l-istadju jiġi msejjaħ l-Onor. Michael Farrugia sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. L-Ispeaker tenna l-pożizzjoni li dan jista' jsir biss ladarba l-Kumitat jadotta r-rapport.

L-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija dwar l-addozzjoni tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ K/027. Il-Membri vvutaw kif ġej:

| **Favur** | **Astensjoni** |
|---|---|
| Onor. Ryan Callus | Onor. Jonathan Attard |
| Onor. Mark Anthony Sammut | Onor. Andy Ellul |

L-Ispeaker iddikjara r-rapport dwar il-Każ K/027 addottat.

L-Onor. Ellul ta spjega tal-astensjoni tal-Membri tal-Gvern, fejn din kienet ibbażata fuq il-fatt li l-Kumitat ma setax ikollu ġudizzju integru mingħajr ma jisma' l-kjarifika tal-Onor. Michael Farrugia.

Il-Kumitat qabel illi ssir komunika mal-Onor. Michael Farrugia sabiex jingħata l-opportunità illi jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Fit-3.49 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar 'il quddiem.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**